# ***Dan X'Alla Hu?***

Alla li kapaċi jifforma l-muntanji enormi, joħloq ir-riħ li jmelles il-ward jew iqaċċat siġra kbira mill-għeruq. Alla li għandu l-qawwa li jbiddel is-sbieħ tal-jum fid-dlam tal-lejl. Dan Jahweh; Alla ta' kull żmien jismu!!

Is-Setgħani għazel, ipjana li jsir wieħed minna, l-bnedmin li ħalaq hu stess. Ħa l-forma umana bil-ġisem u l-moħħ. Dan hu li ħabbru r-ragħajja, li Alla ta' kobor bla qies iċċekken tant li sar l-iżgħar fost ir-razza umana ... sar tarbija; delikata, ċkejkna iżda fl-istess ħin l-aktar għarfa , ħanina u bl-akbar imħabba. Tarbija li kienet predestinata biex ixxerred demm divin għalija u għalik.




Il-Milied hu ċelebrazjoni ta' dan il- pjan inġenjuż!

Pjan li seħħ f'dak il-għar fqajjar fejn kienu isibu l-irdoss ftit annimali. Alla sar bniedem biex ħadd minna ma jkun jista' qatt jgħid li Alla ma jifhimniex.

Iva Alla jifhem it-tbatija, ħass il-qilla tax-xemx fuq wiċċu u l-kesħa tal-lejl f'xi maltempata xitwija, xi jfisser il-ġuħ, ħass l-inċertezza u il-biża' ta' min hu ippersegwitat, it-tensjoni tat-tilwim, il-weġgħa tat-tradiment u il-biża tal-vjolenza.

Alla jifhem ukoll il- ferħ ta' ħbiberija sinċiera u l-imħabba tal- familja.




***Fuq kollox fil-pjan meraviljuż kellu tmiem bla tmiem!***

Twieled biex hu jmut għalija u għalik. Salvatur personali tiegħi u tiegħek.

Bambin ħelu tarbija li rxoxta u ma jmut qatt. Kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem...

Hallelujah… veru għandna għalxiex niċċelebraw bil-kbir! Hallelujah!

**Joanne Pisani.**
*Spiritual Director*
Fgura *Scout* Group